MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.<br>JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 45/2003/1

***Mary Bezzina***

***Versus***

***Maggie Degabriele***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi r-rikorrenta hija proprjetarja tal-fond 35 Battery Street, Valletta li jinsab mikri lil-intimata bil-kera ta' tmintax -il lira Maltija (Lm 18) fis-sena, li jaghlaq fil-22 ta' Frar 2004.

Illi l-intimata harget mill-post u ma ghadiex tabita fih u inoltre hallietu jiddeterjora b'mod li llum jinsab fi stat hazing hafna;

Ghaldaqstant ir-rikorrenta titlob bir-rispett illi minhabba c-cirkostanzi fuq premessi dan l-Onorabbli Bord jawtorizzaha sabiex ma ggedditx il-kirja tal-fond bin-numru

35 Battery Street, Valletta u konsegwentament jordna l-izgumbrament ta’ l-intimata mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss mill-istess Bord.

Ra l-verbal ta’ l-14 ta’ Lulju 2003 li minnu jirrizulta li l-intimata raddet ic-cwievet lura.

Sema fis-seduta tat-30 t’Ottubru 2003 lix-xhud Hermann Magro prodott mir-rikorrenti li ghal-din is-seduta ma deherietx.

Billi mix-xhud fuq imsemmi jirrizulta li l-intimata harget mill-post u m’ghadhiex tabita fih u barra dan hallietu fi stat hazin.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti fuq il-kawzali kollha u jawtorizzha terga’ tiehu f’idejha l-fond 35, Triq Battery; il-Belt Valletta; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti zmien xahar m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------